



# Dħul minn impjieg wara l-irtirar

## Sommarju eżekuttiv

### Introduzzjoni

Politiki soċjali u tal-impjegi tal-UE dejjem aktar jenfasizzaw l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol u ż-żieda tal-età effettiva tal-irtirar. Matul dawn l-aħħar snin, sar aktar komuni li l-Ewropej jaħdmu lil hinn mill-età li fiha jkunu intitolati għal pensjoni statutorja jew okkupazzjonali. Ir-rata ta' impjegi fost persuni bejn il-65 u d-69 sena żdiedet minn 8.8% fl-2005 għal 10.5% fl-2011 - żvilupp notevoli, speċjalment fi żmien ta' kriżi ekonomika. F'din is-Sena Ewropea ta' Tixjif Attiv u Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet, Ewrobarometru speċjali rrapporta li terz tal-persuni xtaqu jkomplu jaħdmu aktar mill-età tal-pensjoni, b'6 minn kull 10 jaħsbu li persuni għandhom ikunu jistgħu jagħmlu dan.

Dan l-istudju jinvestiga l-motivazzjonijiet tal-irtirati biex isibu xogħol bi ħlas u kif dawn jirrelataw mal-adeqwatezza tad-dħul. Dan jesplora min huma l-irtirati li jaħdmu, jikkarakterizza x-xogħol li qegħdin jagħmlu u jikkonkludi b'lezzjonijiet għal dawk li jfasslu l-politika u għal min iħaddem. L-evidenza ġeja mil-letteratura, minn analiżi tad-databases tal-UE u minn studji ta' seba' pajjiżi.

### Kuntest tal-politika

Il-White Paper tal-2012 tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-pensjonijiet tenfasizza l-isfidi ta' tixjif demografiku għas-sostenibbiltà ta' sistemi adegwati ta' pensjonijiet. L-Istati Membri wiegħbu billi għollew l-etajiet tal-irtirar u billi jiskoraġġixxu arranġamenti ta' irtirar kmieni, bl-aspettattiva li żieda fir-rati tal-impjegi fost persuni taħt u 'l fuq mill-età tal-irtirar ikollha impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet.

### Sejbiet ewlenin

Sa mill-2005, ir-rati ta' impjegi fost l-irtirati wrew l-akbar żidiet fil-Finlandja, fir-Renju Unit, fil-Litwanja, fil-Ġermanja u fl-Awstrija.

#### Fatturi motivazzjonali

- Madwar għoxrin fil-mija jaħdmu minħabba ħtieġa finanzjarja. Għandhom it-tendenza li jkollhom dħul baxx u jaħdmu taħt kundizzjonijiet mhux siguri.
- Għall-maġġoranza, il-motivazzjoni ġeja l-aktar minn fatturi oħra: ix-xogħol iġib kuntatti ma' kollegi u ma' klijenti, tagħlim u opportunitajiet biex jikkontribwixxu għas-soċjetà.

#### Profil tal-irtirati li jaħdmu

- Irtirati li jaħdmu ta' spiss huma iżgħar fl-età u maskili. Irtirati huma aktar probabbli li jaħdmu jekk ikollhom livell għoli ta' edukazzjoni, jgħixu f'żoni urbani jew għandhom ipoteka.
- Madankollu, tkabbir riċenti fir-rati tal-impjegi ġie b'mod partikolari minn irtirati nisa u minn irtirati b'livell medju ta' edukazzjoni.
- Fost l-irtirati li ma jaħdmux, proporzjon sinifikanti jixtieq jaħdem iżda ma jistax isib impjieg xieraq. Ħafna kienu diġà żvantaġġati fis-suq tax-xogħol sew qabel l-irtirar.

#### Kuntratt tal-impjieg

- Il-maġġoranza jaħdmu part time.
- Madwar nofs huma impjegati għal rashom; ħafna drabi, madankollu, dawn jaħdmu bħala intrapriża b'persuna waħda għal impjegatur wieħed.

- Kważi għoxrin fil-mija tal-irtirati li jaħdmu għandhom kuntratt temporanju. Dan huwa oġġla milli għal gruppi oħrajn ta' età u wkoll ta' spiss jirrifletti l-preferenza tal-ħaddiem.
- Xi wħud iwettqu xogħol mhux iddikjarat.
- Relattivament frekwenti, l-irtirati jaħdmu fis-settur agrikolu u tas-sajd u fis-settur professjonali, xjentifiku u ta' attivitajiet tekniċi.

#### Raġunijiet għaliex timpjegha l-irtirati

- Hekk kif is-soċjetà tixji, l-irtirati jiffurmaw proporzjon dejjem akbar tal-klijentela ta' organizzazzjoni. Forza tax-xogħol b'irtirati tgħin lill-kumpaniji jifhemu dawn il-preferenzi tal-klijenti u biex jirrelataw magħhom.
- Organizzazzjonijiet japprezzaw li ta' spiss l-irtirati huma lesti jaċċettaw arranġamenti flessibbli ta' xogħol.
- L-iffrankar tal-ispejjeż huwa riżultat tal-posponiment tar-reklutaġġ u t-taħriġ ta' impjegati ġodda.
- Min iħaddem jenfasizza motivazzjoni partikolarment għolja għax-xogħol fost l-irtirati.

## Indikaturi politiċi

#### Lezzjonijiet għal dawk li jfasslu l-politika

- L-impjeg wara l-irtirar jista' jkun ta' ġid u ta' sodisfazzjon, imma l-promozzjoni tiegħu jista' jkollha impatti negattivi. Jista' jitqies li jnaqqar id-dritt li wieħed igawdi l-irtirar; għandu r-riskju li jimmarġinalizza lil persuni li jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jaħdmu jew lil dawk li jikkontribwixxu għas-soċjetà, pereżempju, billi jieħdu ħsieb lill-oħrajn u dawk li jaġġmlu xogħol volontarju, u irrISPETTIVAMENT mill-evidenza fuq livell makro li tindika l-kuntrarju, huwa f'kunflitt ma' perċezzjonijiet pubbliċi li l-anzjani qegħdin inaqqsu l-opportunitajiet ta' impjeg għal persuni iżgħar fl-età.
- L-adeqwatezza tal-pensjoni għandha tkun garantita biex jiġi evitat li l-irtirati jkollhom jaħdmu minħabba ħtieġa finanzjarja.
- Miljuni ta' Ewropej 'l hinn mill-età tal-irtirar diġà qegħdin jaħdmu. Istituzzjonijiet li ma kinux iddisinjati b'dan l-iżvilupp f'moħħhom jeħtieġu jiġu aġġustati. Pereżempju, il-pagi minimi mhux

dejjem japplikaw għall-irtirati; assigurazzjoni għal min iħaddem għal assenza mix-xogħol minħabba mard tista' ma tkunx disponibbli għall-irtirati, u jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' perjodi barra l-impjeg qabel irtirat jiġi permess ikompli jaħdem.

- Inċentivi finanzjarji għandhom jissaħħu sabiex ix-xogħol irendi għall-irtirat billi l-pensjoni futura u d-dħul attwali jiżdiedu. Għall-bqija tas-soċjetà, impjeg wara l-irtirar għandu jaġġi l-frott permezz ta' tfaddil minn differiment tal-pensjoni pubblika u l-evitar ta' xogħol mhux iddikjarat. Pensjonijiet abbażi tal-paga u dawk ittestjati għal mezz huma ta' diżinċentiv għax-xogħol.
- Hemm il-ħtieġa ta' informazzjoni ċara u regolamentazzjoni sabiex l-irtirati li jixtiequ jaħdmu, u impjegaturi li jixtiequ jimpjegawhom, jistgħu jaġġmlu dan.
- Politiki tas-suq tax-xogħol miftuħ, appoġġ għall-integrazzjoni u d-disponibbiltà ta' impjegati huma ta' benefiċċju għal persuni ta' kull età. Ħafna irtirati diġà jieqfu jfittxu impjeg ħafna qabel jirtiraw.

#### Lezzjonijiet għall-kumpaniji

- L-irtirati, jew impjegati li jkunu waslu biex jirtiraw, għandhom għażla li ma jaħdmux. Ta' spiss iridu jaħdmu siegħat imnaqqsa, u l-għażla tagħhom tiddependi ħafna fuq jekk il-kumpaniji jipprovdux għażliet flessibbli bħal dawn.
- L-importanza tax-xogħol li jsir mill-irtirati għandha tiġi rikonoxxuta, u għandu jinħoloq ambjent tax-xogħol li jwassal għall-ħtiġijiet tagħhom. Filwaqt li dawn il-kwistjonijiet huma importanti għal persuni ta' kull età, ħafna drabi l-irtirati huma aktar motivati minn raġunijiet soċjali u jistgħu jkunu soġġetti għal sterjotipi negattivi speċifiċi.
- Konverżazzjonijiet qabel l-irtirar jistgħu jbiddu l-assunzjonijiet tal-irtirat u ta' min iħaddem u jippermettu li tiġi żviluppata għażla magħmula apposta wara l-irtirar.
- Rwo li ta' taħriġ u ta' mentoring għall-irtirati jistgħu jsaħħu t-trasferiment tal-għarfien, jintlaqgħu tajjeb fost il-kollegi, u jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet fit-tul għall-iżbilanċi fil-ħiliet billi jintegraw il-ħaddiema iżgħar.

#### Aktar informazzjoni

Ir-rapport *Income from work after retirement* (Dħul minn impjeg wara l-irtirar fl-UE) huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1259.htm>

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Hans Dubois, Uffiċjal tar-Riċerka, fuq [hdu@eurofound.europa.eu](mailto:hdu@eurofound.europa.eu)